MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 2188/2002

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Emmanuele Morguello**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 t'Ottubru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Awtorita` attrici l-ammont ta' elf u tlieta u tmenin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm1,083.22) rapprezentanti spejjez li l-Awtorita` attrici inkorriet sabiex harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq numru ECF/802/97/ENMU/NENF, kopja ta' dan l-Avviz annessa ma' l-avviz u mmarkata Dok. IJS1, f'isem il-konvenut.

Billi l-istess konvenut gie interpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar 2002.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa is-segwenti:

1. Illi preliminarjament it-talba ta’ l-Awtorita` hija intempestiva peress li l-passi mehuda minnha in segwitu ghall-hrug ta’ l-Avviz ta’ Twettiq huma l-meritu tal-kawza fl-ismijiet Agrimalt Ltd. et Vs. Awtorita` ta’ l-Ippjanar (Rikors Nru. 734/00 VDG) li ghadha pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, sabiex l-Awtorita` titlob lura l-ispejjez biex tezegwixxi avviz ta’ twettiq, irid jigi ippruvat dak li huwa stipulat fl-artikolu 55A ta’ l-Att Numru 1 ta’ l-1992.

3. Bl-ispejjez kontra l-Awtorita`.

Ra n-nota ta’ ammissjoni tal-konvenut fejn huwa ammettta t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u tlieta u tmenin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm1,083.22), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------